31988R2275

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2275/88 tal-25 ta' Lulju 1988 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistaBbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar it-tariffa u nomenklatura dwar statistika u t-Tariffa Doganali Komuni, skond l-aħħar emendi permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1858/88 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi sabiex tiġi assigurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda għall-imsemmi Regolament, hu meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjonijiet addizzjonali għaliha u li tkun stabbilita permezz ta' dispoSizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra li jirreferu għall-kummerċ f'oġġetti;

Billi, bis-saħħa ta' l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċi NM xieraq indikat fil-kolonna 2, skond ir-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3;

Billi l-kumitat dwar nomenklatura ma tax opinjoni fil-limitu tal-ħin stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi NM xieraq indikat fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dani r-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-25 ta' Lulju 1988.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
(2) ĠU L 166, ta' l-1.7.1988, pġ. 10.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika (kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Żrieragħ taż-Zizania aquatica ("ross salvaġġ") bil-qoxra, li jixbħu labar tal-pina, kannella fil-lewn	1008 90 90	Il-klassifika hi stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 u t-testi tal-kodiċi NM1008 u 1008 90 90 . Il-qoxra ta' barra ħadra tneħħiet mill-prodott iżda l-perikarpu iswed jibqa' hemm. Il-prodott ma jistax għalhekk jiġi klassifikat bħala żerriegħa bil-qoxra mneħħija tal-kodiċi NM 1104 29 10.
2. Trab ta' *monocellular algae* mejtin (Spirulina jew Chlorella) kemm jekk magħmula f'forma ta' pilloli jew kapsuli għall-konsum tal-bniedem.	2102 20 90	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 u t-testi tal-kodiċi NM 2102, 2102 20 u 2102 20 90. Ara wkoll noti ta' spjegazzjoni HS ta' l-intestatura 2102 , item B. Il-mod kif l-oġġetti huma preżentati ma jaffettwax il-klassifika.
3. Prodott tal-ħalib li jikkonsisti fi trab tal-ħalib xkumat li jkollu 50 - 100 miljun batterja tal-jogurt ħajja (Streptococcus thermophilus u Lactobacillus bulgaricus) kull gramm, b'kontenut ta' xaħam li ma jeċċedix 3 %.	0403 10 11	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 u t-testi tal-kodiċi NM 0403,0403 10 u 0403 10 11. Il-prodott hu essenzjalment prodott tal-ħalib tal-kodiċi NM 0403 milli *microbial culture* tal-kodiċi NM 3002.
4. Product miksub permezz ta' proċess magħruf bħala *dry turbo-separation* ta' dqiq tal-qamħ u li jkollu l-karatteristiċi analitiċi li ġejjin (*by dry weight*): — kontenut ta' lamtu: 83 % bl-użu ta' metodu Ewers polarimetric modifikat, — kontenut ta' rmid: 0,4 %, — kontenut ta' proteina: bejn wieħed u ieħor 4,5 %	1101 00 00	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regola ġenerali 1 u t-testi tal-kodiċi NM 1101 00 00 u ta' nota 2 tal-Kapitolu 11. Dan il-prodott għandu l-karatteristiċi ta' dqiq tal-qamħ. Għalkemm dan ikun imtejjeb permezz ta' lamtu u għandu kontenut ta' proteina mnaqqsa, dan ma jilħaqx il-kriterji analitiċi għal klassifika bħala lamtu tal-qamħ tal-kodiċi NM 1108 11.
5. Famotidine (INN)	2934 10 00	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 u t-testi tal-kodiċi NM2934 u 2934 10 00 Il-komposizzjoni mhux sulfonamida ta' intestatura 29.35 peress li l-atomu tal-kubrit tal-grupp SO2NH2 mhux marbut direttament ma' l-atomu tal-karbonju. L-istruttura tinkludi ċirku tat-thiazole mhux fuż.
6. Preparazzjoni ta' xorta użata bħala materjal mhux maħdum fil-produzzjoni ta' kosmetiċi li jkollhom il-komposizzjoni li ġejja: — estratti tal-plaċenta ta' l-annimali ta' bejn wieħed u ieħor 10 % fil-piż, — żejt taż-żerriegħa tal-qamħirrum bejn wieħed u ieħor 90 % fil-piż.	3823 90 99	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 u t-testi tal-kodiċi NM3823 u 3823 90 99. Il-prodott ma jistax ikun ikkunsidrat bħala sustanza ta' proteina tal-kodiċi NM 3504. Dan hu kopert bit-tieni parti tat-test tal-kodiċi NM3823 . Dan hu prodott intermedjarju li għad m'għandux il-karatteristiċi ta' preparament kosmetiku.

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika (kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
7. Preparament tat-tip użat bħala materjal mhux maħdum fil-produzzjoni ta' kosmetiċi li jkollu l-komposizzjoni li ġejja: — *Collagen* ta' bejn wieħed u ieħor 3 % fil-piż, — *Glycerol* ta' bejn wieħed u ieħor 44 % fil-piż, — Ilma ta' bejn wieħed u ieħor 53 % fil-piż.	3823 90 99	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 u t-testi tal-kodiċi NM 3823 u 3823 90 99. Il-prodott ma jistax ikun ikkunsidrat bħala sustanza ta' proteina tal-kodiċi NM 3504. Dan hu kopert bit-tieni parti tat-test tal-kodiċi NM 3823 . Dan hu prodott intermedjarju li għad m'għandux il-karatteristiċi ta' preparament kosmetiku.
8. Preparazzjoni ta' xorta użata bħala materjal mhux maħdum fil-produzzjoni ta' kosmetiċi li jkollhom il-komposizzjoni li ġejja: — Elastin ta' bejn wieħed u ieħor 5 % fil-piż, — Propare-1, 2-diol ta' bejn wieħed u ieħor 45 % fil-piż, — Ilma ta' bejn wieħed u ieħor 50 % fil-piż.	3823 90 99	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 u t-testi tal-kodiċi NM 3823 u 3823 90 99. Il-prodott ma jistax ikun ikkunsidrat bħala sustanza ta' proteina tal-kodiċi NM 3504. Dan hu kopert bit-tieni parti tat-test tal-kodiċi NM 3823 . Dan hu prodott intermedjarju li għad m'għandux il-karatteristiċi ta' preparament kosmetiku.
9. Irmuntar mekkanizzat għal reġistrazzjoni fuq il-vidjo jew apparat li jirriproduċi tal-kodiċi NM code 8521, mgħammar permezz ta' rekordjar u *reproducing heads* (Mecadeck).	8521 10 39	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 2 (a) u 6 u t-testi tal-kodiċi NM 8521, 8521 10 u 8521 10 39. Din l-immuntar mekkanizzat għandu l-karattersitiċċi esenzjali ta' reġistrazzjoni fuq il-vidjo jew .apparat ta' riproduzzjoni
10. Prodott ċatt ta' l-azzar mhux liga, miksub permezz ta' proċess kontinwu ta' l-ikkastjar, li għandu dimensjonijiet ta' 1 700 mm × 6 000 mm × 70 mm, bit-truf imrembla	7208	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regola ġenerali 1 u t-test tal-kodiċi NM 7208. Id-dimensjonijiet tal-prodott ma jirriżultawx minn sempliċi tgerbib aħrax u l-prodott hu għalhekk meqjus bħala prodott imgerbeb ċatt (*plate*) tal-kodiċi NM 7208 milli prodott nofsu mitmum (slab) tal-kodiċi NM 7207.
11. Prodott *flat non-alloy steel* miksub permezz tal-proċess kontinwu ta' l-ikkastjar, li għandu dimensjonijiet ta'2 520 mm × 4 400 mm × 90 mm, bi xfar imqaxxrin	7208	Il-klassifika hi stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regola ġenerali 1 u t-test tal-kodiċi NM 7208. Id-dimensjonijiet tal-prodott ma jirriżultawx minn sempliċi tgerbib aħrax u l-prodott hu għalhekk meqjus bħala prodott imgerbeb ċatt (plate) tal-kodiċi NM 7208 milli prodott nofsu mitmum (slab) tal-kodiċi NM 7207.